VALLETTA
Città Umilissima

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 22

It-Tnejn 23 ta' Novembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' via Skype fl-16.00hrs.

PREŻENTI:

Alfred Zammit – Sindku
Raymond Azzopardi – Viċi Sindku
Christian Micallef – Minority Leader
Mark Spiteri Lucas – Kunsillier
Lian Pace – Kunsillier
Vincent Fabri – Kunsillier
Jurgen Briffa – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 120A (20):
NIL

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Alfred Zammit ippresjeda l-laqgħa.

## 22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

22.1.1 Nil

## 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

22.2.1 Il-Kunsill Approva il-Minuti tal-Laqgħa 21 li saret nhar l Il-Ħamis 22 ta' Ottubru 2020

## 22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

22.3.1 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li kellu laqgha ma CEO Jason Vella flimkien ma ufficjali ohra mil-enemalta u CEO tal-GHRC, Gino Cauchi. Gew diskussi diversi materji fosthom kif hafna entitajiet ghandhom responsabilita' ta' dawl tal-Belt. Sar qbil li l-enemalta ghadha taghmel stock take ta' l-entitajiet kollha biex isir qbil li jwassal ghal-Enemalta bie tkun responsabli mid-dawl kollu. Sar qbil biex l-haddiema ta' l-enemalta jibdew jidhlu jsewwu l-Belt darba fil-gimgha. Is-Sindku nforma li jinsab kuntent bid-dawl LED's li saru fi triq San Pawl. Intlaqaw tajjeb hafna.

22.3.2 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li gie nfurmat li l-Enemalta flimkien mal-GHRC qed jahdmu fuq progett biex kemm ir-ring road tal-Belt kif ukoll Triq ir-Repablikka isir disinn u allura sistema ta' dawl gdida.

22.3.3 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li ser jerga jipprova jitkellem mal-Ministru l-gdid ta' Turizmu biex taht il-kunsill isir progett li jkun ta' sostenn ghall-operat.

22.3.4 Is-Sindku Alfred Zammit informa li wara l-laqgha li ghaddiet huwa tkellem mal-Minority Leader dwar il-progett ta' San Duminku. Huwa nforma li l-Minority Leader ser ikun qed jirraprezenta l-oppozizzjoni fil-Kumitat.

22.3.5 Is-Sindku Alfred Zammit informa li tkellem ma' negozjonanti ta' Triq nofs in-nhar fejn dawn urew ix-xewqa li jaghmlu South street festival bhal ma kien isir fil-passat. Is-Sindku rrefera ghal-Vince Fabri peress li kien

22.3.6 Is-Sindku Alfred Zammit informa li ser isir dawl quddiem il-Kunsill. Is-Sigar ta' Pjazza Repubblika u Sigra ta' Quddiem Carlo Seychell ghal prezz ta' 1000euro.

22.3.7 Is-Sindku Alfred Zammit informa li kellu nformazzjoni li l-lift li jaghti ghal Flats ta' bieb il-Belt mhux jahdem. Hu nforma l-idea tieghu hi li r-residenti biss ikollhom access, pero jidher li l-KNPD ghandhom oggezzjoni dwar dan. Dwar access ghal persuni b' disabilita' hu ppropona li jkun hemm cavetta ghand gilardu biex jkun jista jigi accessat l-lift.

22.3.8 Is-Sindku Alfred Zammit informa li ser ikun qed jaghmel 'request' biex fiz-zona tal-mandragg jizdiedu l-parkeggi tar-residenti. Dan nforma li ser ikun qed jipproponi Triq San Mark ma' transport malta.

22.3. Is-Sindku Alfred Zammit informa li kien rcieva suggeriment li jsir food festival gewwa l-Belt.

## 22.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

22.4.1 Il-Minority Leader nforma li hu flimkien mal- Vici Sindku kienu nfurmaw li xtaqu jattendu l-laqgha ma' l-enemalta pero ma kienux nfurmati dwar meta kienet ser issir il-laqgha.

22.4.2 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi nforma li regjun kien ser jaghti 1000 euro biex isir tizjin fiz-zona residenzjali.

22.4.3 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi staqsa dwar il-kuntratt tal-gbir tar-riciklagg kif il-kumpanija Green MT mhux qed taghti boroz grizi lir-residenti.

22.4.4 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi li regjun Xlokk ser jaghti sanitizing machine kif ukoll 5 litre sanitizer biex jintuza fir-reception tal-Kunsill Lokali.

22.4.5 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi nforma li jidher li Hornets qed jergghu jbejtu gol-Belt. Nforma li regjun nforma biex jintuza kuntrattur partikolari u jsemmi l-AKL.

22.4.6 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi nforma li attenda laqgha mal-Perit u l-Kuntrattur ta' Triq l-Merkanti quddiem l-iskola. Nforma li ghadt baqa l-ahhar layer ta' tarmac kif ukoll il-madum tal-bankini.

22.4.7 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi nforma li membru tal-kumitat ta' l-anzjani Noel Muscat kien irrezenjna min membru wara li saru bollards fuq bankina fi Triq San Patrizju.

22.4.8 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi nforma li rcieva lment m'ghand ufficjali tal-Kumitat tal-Madonna tal-Karmnu dwar l-fondi tal-planning authority li kienu mweghda.

22.4.9 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi nforma li l-kuntratt tal-public conveniences ghandu jigi terminat immedjatament. L-avukat ghandu jibghat ittra biex jrodd lura c-cwievet.

22.4.10 Il-Kunsillier Vincent Fabri tkellem dwar kif kienet issir l-attivita South Street 'Stretta' u l-irwol tal-Kunsill x'kien.

22.4.11 Il-Kunsillier Lian Pace nforma li tkellem mal-Minority Leader biex jinghata rikonoxximent Shaun Dimech bhala Belti li skorja f'loghob internazzjonali.

22.4.12 Il-Kunsillier Jurgen Briffa nforma li ghal Jum il-Belt ta' sena diehla ghandu f'mohhu w jixtieq li jaghtu sehmhom il-baned tal-Belt Valletta.

22.4.13 Il Kunsillier Jurgen Briffa nforma li l-klinika ser tkun qed tiftah fil-bidu ta' Jannar ghar-residenti Beltin. Huwa nforma li ser ikun qed jitkellem mal-primary healthcare biex jara li tinzam din il-weghda.

22.4.14 Il-Kunsillier Mark Spiteri Lucas tkellem dwar iz-zewgt it-tfal IKE u Kaya, tnejn tfal beltin li hadu sehem u ghamlu unur lill-Belt waqt Malta's got talent. Kif ukoll lis-Sur Mangion il-Kapxi.

22.4.15 Il-Kunsillier Mark Spiteri Lucas staqsa dwar l-boosted posts tal-Kunsill, ghaliex kienet l-ewwel darba li sar dan u ghalfejn dak il-post u mhux iehor.

## 22.5 Rapporti

22.5.1 NIL

## 22.6 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor taIl-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

22.6.1 Korrispondenza m'għand direttorat ta' l-annimali dwar l-iskema tal-qtates.

## 22.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

22.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li gabet 3 quotes biex isiru sigar fiz-zona residenzjali. L-postijet fejn ser jitpoggew :
l-Arcipierku quddiem il-gabbana fic-central strip
Due balli quddiem tarag li tinzel mir-ring road
Mattia Preti
Hdejn l-iskola

22.7.2 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat l fondi tal-planning authority qeghdin wieqfa sakemm jinghalaq il-progett tal-bankini. Tifhem li entitajiet jridu fondi ghal gwadan ta' l-ghaqda pero nfurmat li minhabba li l-progett tal-bankini ser jirrikjedi aktar fondi allura sakemm jigi approvat il-progett tal-bankini ma kienx ser jitkompli l-iehor jew l-ohrajn. Infurmat ukoll li zewg entitajiet inghataw fondi mil-planning development fund minghajr ma l-kunsill kien nfurmat. Nfurmat ukoll li sal-jum tal- laqgha l-fondi tal-bankini ma gewx approvati.

22.7.3 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li dwar il-kuntratt tal-Greenmt dan ma giex mgedded u baqa jopera fil-Belt fuq ordni ta' ERA. Allura ghalhekk li mhux qed jinghataw boroz lir-residenti.

22.7.4 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat ix-xogħol fuq l-app miexi ġmielu u qed tikkomunika frekwenti ma TCTC biex tkun lauched fi zmien qasir.

## 21.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

## 21.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ta' Ottubru 2020

Il-Kunsill aġġorna għal-Erbgha 9 ta' Dicembru 2020 fl-16.00hrs

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Alfred Zammit<br>Sindku | Gabriella Agius<br>Segretarju Eżekuttiv |